

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI, tal-10 ta' Ottubru 2013 (Każ R 1961/2912-2), dwar proċedimenti ta' kanċellazzjoni bejn Bolloré u The Directv Group, Inc.

**Dispożittiv**

- 1) *Ma għadx hemm lok li tingħata deċiżjoni.*
- 2) *Ir-rikorrenti hija kkundannata tbat i-ispejjeż, inklużi i-ispejjeż sostnuti mill-konvenut u mill-intervenjenti.*

---

(<sup>1</sup>) ĠU C 112, 14.04.2014.

---

**Rikors ippreżentat fis-16 ta' Lulju 2014 – Sheraton International IP vs UASI – Staywell Hospitality Group (PARK REGIS)**

**(Kawża T-536/14)**

(2014/C 339/24)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Sheraton International IP LLC (Stamford, l-Istati Uniti) (rappreżentant: E. Armijo Chávarri, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Staywell Hospitality Group Pty Ltd (Sydney, l-Awstralja)

**Talbiet tar-rikorrenti**

— tannulla d-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) tat-30 ta' April 2014 mogħtija fil-każijiet magħquda R 240/2013-5 u R 303/2013-5;

— tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

*Applikant għat-trade mark Komunitarja:* il-parti l-oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell

*Trade mark Komunitarja kkonċernata:* it-trade mark figurattiva li tinkludi l-elementi verbali "PARK REGIS" għal servizzi fil-Klassijiet 35, 36 u 43 – Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru 9 488 933

*Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni:* ir-rikorrenti

*Trade mark jew sinjal invokat:* reġistrazzjonijiet għal trade mark Komunitarja, reġistrazzjonijiet għal trade marks internazzjonali u t-trade mark notorja "ST REGIS"

*Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni: oppożizzjoni parzjalment milqugħa*

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: appell miċħud*

*Motivi invokati: ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament dwar it-trade mark Komunitarja.*

---

**Rikors ippreżentat fil-21 ta' Lulju 2014 – Grupo Bimbo vs UASI (Forma ta' ħobż għas-sandwiċ tond)**

**(Kawża T-542/14)**

(2014/C 339/25)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Grupo Bimbo, SAB de CV (Messiku, il-Messiku) (rappreżentant: N. Fernández Fernández Pacheco, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

**Talbiet tar-rikorrenti**

- tannulla d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni), tad-19 ta' Mejju 2014 fil-Każ R 1911/2013-4, peress li hija illegali u tikser id-dispożizzjonijiet legali fis-seħħ dwar it-trade mark Komunitarja, u tiddeċiedi skont it-talbiet inklużi fir-rikors, kemm jekk fuq bażi tad-differenza intrinsika tat-trade mark tridimensjonali li saret l-applikazzjoni għaliha jew abbażi tad-distintività miksuba bl-użu, tilqa' dan ir-rikors u tordna r-reġistrazzjoni tal-applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja Nru 11 747 987, għal prodotti fil-klassi 30 tal-Klassifikazzjoni Internazzjonali, minħabba li din hija legali u ammissibbli;
- ladarba dan ir-rikors jiġi milqugħ u t-trade mark inkwistjoni tiġi rreġistrata, tordna lill-konvenut iħallas l-ispejjeż tal-proċeduri u t-taxxi mħallsa lill-UASI.

**Motivi u argumenti prinċipali**

*Trade mark Komunitarja kkonċernata:* it-trade mark tridimensjonali fil-forma ta' ħobż għas-sandwiċ tond fil-klassi 30 – Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru 11 747 987

*Deċiżjoni tal-eżaminatur:* applikazzjoni miċħuda

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* appell miċħud

*Motivi invokati:* ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009

---

**Rikors ippreżentat fit-22 ta' Lulju 2014 – provima Warenhandels vs UASI – Renfro (HOT SOX)**

**(Kawża T-543/14)**

(2014/C 339/26)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* provima Warenhandels GmbH (Bielefeld, il-Ġermanija) (rappreżentanti: J. Croll u H. Prange, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)